



# L'Affare della Basilica.
# Skont l-ittri ta' Dom Mauro Inguanez OSB
## It-Tielet Parti: 8 ta' Ġunju 1924 - 26 ta' Ġunju 1936

*Kan. Dr. Jonathan Farrugia*

Fl-aħħar artiklu spiċċajna bid-deċiżjoni meħuda mis-Santa Sede nhar it-12 ta' April 1924, u li ġiet ippubblikata f'ittra lill-Isqof Caruana nhar id-29 ta' April, li fiha d-dritt għall-preċendenza tal-Bażilika fuq il-Kapitli aktar antiki ġie kkonfermat. Kull min kien imdaħħal deherlu li l-istorja spiċċat hemm, imma kien għad baqa' aktar inkwiet x'jinqala'. F'dan l-artiklu se nagħtu daqqa t'għajn lejn l-ittri li fadal marbuta mal-kwistjoni, kwistjoni li tajjeb ngħidu qatt ma ġiet solvuta għal kollox.

In-numru tal-ittri li ġew studjati f'dan l-artiklu huwa ta' madwar 20. Il-perjodu ta' 12-il sena li qed inkopru jiġbor fih ħafna aktar ittri, imma wħud minnhom ma għandhom xejn x'jaqsmu waqt li oħrajn ma fihom l-ebda dettall importanti.



Carissimo D. Goffredo,
che cosa è accaduto per la precedenza della nostra Basilica? mi hanno scritto dalla Valletta, dicendomi che avendo saputo che avevo intenzione di recarmi quest'estate a Malta, mi consigliavano di non farlo perchè tutta l'isola è contro di me, e che non mi avrebbero lasciato sbarcare. È vero? Non so se potrò venire nelle vacanze, ma se dovessi venire, non

*Ittra tat-8 ta' Ġunju 1924 fejn jissemma t-theddid li rċieva Inguanez.*

**L-ittri wara li nqatgħet il-kawża tal-1924.**

Ftit ġranet wara l-aħħar ittra li rajna, waslet ittra oħra li mill-ewwel tpoġġina fil-kuntest imqalleb li kien hawn fiċ-ċrieki tal-Knisja. Nhar it-8 ta' Ġunju 1924 Inguanez bagħat jistaqsi lil Lubrano x'kien ġara għax xi ħadd kien bagħatlu mill-Belt jgħidlu li l-gżira kollha kienet ħaditha kontrih u li jekk jazzarda jiġi Malta għas-sajf ma kinux se jħalluh jinżel minn fuq il-vapur. Ma jidhirx li ħabbel wisq rasu għax lil ħabibu qallu li jekk jagħmel ħsieb li jiġi sa Malta ma



48. Str. Due Corte, Senglea
Malta.
20 Luglio 1925.
Carissimo Goffredo -
Sento che non siamo troppo al sicuro circa la nostra precedenza etc. avendo Mons. Ferres riportato assicurazioni ai Capitoli di Birbircara e di S. Paolo, che Roma sia propensa a retrocedere ossia dare altro senso al privilegio di anzianità; quindi trovandovi voi a Roma, in-

*Ittra ta' Marengo tal-20 ta' Lulju 1925.*

kien se jagħti każ ta' ħadd, u jkompli li fehem li xi ħadd ried jitfa' l-ħtija ta' dak li ġara kollha fuqu; ma jgħidx min imma mill-mod kif jitkellem jidher li kien qiegħed jaħseb li kien l-Isqof Caruana. Dan għaliex eżatt wara jgħid "qaluli li l-Arċisqof qed jgħid li ġibna t-titlu ta' Bażilika mingħajr ma kien jaf hu u kontra r-rieda tiegħu".[1] Ma jsemmi xejn aktar għax

mill-ewwel jikkonkludi billi jitlob lil ħabibu jibgħatlu xi sigarri u biex isellilu għal tad-dar. Probabbilment mill-istess żmien ġejjin żewġ ittri bla data li fihom Inguanez jistqarr ma' ħabibu li ma kienx qiegħed igawdi l-istima tal-Isqof ta' Malta u kien wasallu li



Carissimo Alfredo, questa mattina
ho avuto occasione di parlare con
l'Arcivescovo Bevilacqua che per
incarico del Concilio studiò la
questione della precedenza e diede
il voto a favore nostro. La domanda
per la revisione della causa è stata
studiata da un padre gesuita che
si pronunziò contrario a noi, ma
S.E. Bevilacqua studiò di nuovo il
voto del padre gesuita e concluse
affermando i diritti della Senglea.
Mi ha detto che fino a giugno la
Congregazione aveva respinto il
ricorso di S. Paolo e Birchircara.
Ad ogni modo mi ha detto che
cercherà di difenderci perchè abbiamo
tutte le ragioni. A voce poi ti
dirò tante altre cose e saprai
come è andato l'affare.
Cerca di venir qui, così potremo
combinare tutto prima della
tua partenza.

***L-Ittra tal-20 ta' Awwissu 1925 fejn jissemma Bevilacqua.***

Ruma qal li Inguanez ried jaqlagħlu l-inkwiet u ried jindaħallu fid-deċiżjonijiet tiegħu, għaldaqstant talbu biex ma jsemmih ma ħadd. [2]

L-ittra li jmiss ġejja minn tmiem is-sena. Jidher li xi ħaġa kienet iċċaqalqet għax jibda billi jikteb li kien ferħan bl-aħbarijiet li Lubrano kien bagħatlu fuq l-affari tal-bażilika, imma ma jispeċifikax x'kienu. Però toħroġ ċara li kien għad hemm xi xogħol xi jsir għaliex jgħidlu li f'Jannar kellu jerġa' jmur Ruma jkellem lil xi ħadd, u jiskuża ruħu talli ma kienx mar qabel, imma kien qiegħed jirranġa xi affarijiet ta' Amerikan li miet f'Napli u kellu jlesti x-xogħol fuq ktieb ieħor.[3] Ftit ġranet wara, fid-9 ta' Jannar bagħat jinfurmah li aktar tard f'Jannar kellu jmur Ruma bit-tama li jippreżenta l-ktieb lill-Papa u għaldaqstant fakkar lil ħabibu biex jekk kellu bżonn xi ħaġa, anke dwar il-bażilika, jara li jilħaq jinfurmah.[4] Dettall kurjuż, għalkemm ma għandux x'jaqsam mat-tema ta' dan l-istudju, hu li Inguanez jgħid li ġie mistieden imur jgħallem f'seminarju l-Amerka (ħaġa li probabbli ma seħħitx għax kien ċert li l-Abbati ma kienx se jtih il-permess); minn dettalji żgħar hekk inkomplu nifhmu ftit aktar kemm kien persuna ta' prominenza dan il-Benedittin Senglean.

Ittra li sabet ruħha f'dan l-epistolarju, għalkemm mhix miktuba minn Inguanez, ittina x'nifhmu li sa Lulju tas-sena 1925 il-borma kienet baqgħet titħawwad u issa kienet waslet biex tagħli. Lubrano jidher li kien qiegħed Ruma, probabbilment ma' Inguanez minħabba li dan tal-aħħar fl-ittra ta' Jannar kien semma li dik is-sena kellhom jiltaqgħu żgur, u s-Senglean Mons. Marengo bagħat jinfurmah li sema' li l-avukati tal-Kapitli ta' Birkirkara u ta' San Pawl tal-Belt kienu kważi waslu biex jikkonvinċu lil "Ruma" biex tpoġġi l-preċedenza fuq l-anzjanità tal-Kapitlu u mhux fuq it-titlu bażilikali. Għaldaqstant, Marengo, inkwetat kif kien li l-bażilika Sengleana kienet se titlef il-privileġġ, talab lil Lubrano biex ladarba kien Ruma jara kif jitkixxef u jipperswadi (anke bil-flus!) lil min seta' b'xi mod jgħinhom.[5]

Ittra bla data, imma li nimmaġina li tista' titpoġġa f'dan il-perjodu, titkellem dwar iż-żewġ Kapitli urtati minħabba l-preċedenza ta' Senglea.



X'ser narau u nisimghou
ghada, 12 ta Marzu 1926
fl Isla - ahna'l Bormlisi

= Lment ta Capitlu =

Oh ma chienu mument ghalina
Ma chienitx Basilca Dina.

Culhatt beda jiscantana
Hadd izied m'ghamila maghna.

Privilegg bhal dan ixxejjer
Din nictbuha mal isteijer

Tal Furiana gheddeulna
S. Ghirgor fis wahhalulna

Ah! l'Basilica sfat mar rih
Hej nehduha ghal erwieh.

Ad multos annos.

***In-nota anonima tal-11 ta' Marzu 1926.***



Fiha Inguanez jagħti x'jifhem li dawn setgħu talbu biex huma wkoll jieħdu t-titli ta' bażiliċi, imma jassigura lil Lubrano li anke jekk jieħdu t-titlu, xorta waħda ma jkollhomx preċedenza fuq il-Bażilika Sengleana minħabba li jkunu ħadu t-titlu warajhom.[6] F'ittra oħra, bla data, jgħidlu li huwa improbabbli ħafna li jingħataw it-titli ta' bażiliċi, u għaldaqstant ma setgħu jagħmlu xejn aktar.[7]

F'xi ittri li nsibu wara din id-data ma hemmx aktar dettalji għax huma kollha ittri ta' bejn il-ħbieb; jidher li hemm xi ħjiel ta' xi ħaġa, imma bla dettalji, fl-ittra li Inguanez bagħat lil Lubrano fil-15 ta' Awwissu 1925, fejn jistaqsih jekk kellimx lill-avukat[8] fil-ġranet li dam Ruma dik is-sena.[9]

Nifhmu li din il-laqgħa kienet marbuta mal-kwistjoni tal-bażilika mill-ittra li jmiss, ġejja minn ħamest ijiem wara, għax jispjegalu ċar x'kellu jagħmel meta jerġa' jkellem lill-avukat: "għidlu jispjegalek sewwa xi jrid isir biex tiġi riveduta l-kawża tal-Bażilika, min se jieħu ħsiebha eċċ., u hekk naraw ma' min inkun irrid nitkellem."[10] Minn dawn il-ftit versi, magħqudin mal-ittra mqanqla ta' Marengo, nifhmu li d-deċiżjoni tal-1924 kienet ġiet appellata u jidher li mir-reviżjoni kien hemm ċans kbir li tiġi rtirata, għalhekk, bħal dejjem, Inguanez kien se jipprova jagħmel il-parti tiegħu biex l-affarijiet ma jinqatgħux kontra beltu.

Ittra bla data imma li żgur ġejja minn xi ġurnata jew tnejn wara[11] ttina xi dettalji importanti. Jidher li sar jaf li l-Arċisqof Bevilacqua kien tqabbad mill-konċilju tar-riti biex jistudja l-kawża, u Inguanez għamel mod u ltaqa' miegħu. Bevilacqua qallu li wara li studja d-dokumentazzjoni dwar il-kwistjoni tal-preċedenza vvota favur il-Belt Senglea; ir-reviżjoni ġiet studjata minn saċerdot Ġiżwita li vvota kontra, u Bevilacqua reġa' dar kollox, inklużi l-kummenti tal-Ġiżwita, u għal darb'oħra reġa' żamm mal-kawża Sengleana. Qallu wkoll li sa xaharejn qabel, jiġifieri sa Ġunju 1925, il-Kongregazzjoni kienet ċaħdet ir-rikors ta' San Pawl u ta' Birkirkara, imma li issa kienet qed taħsibha żżommx magħhom. Bevilacqua assigurah li kien se jkompli jiddefendi lis-Sengleani għax huma kellhom raġun. Id-dettalji jieqfu hawn għax Inguanez ikompli li l-bqija kien se jgħidulu meta jiltaqgħu wiċċ imb'wiċċ u jfehmu kif marret l-affari. Stiednu biex imur Montecassino ħalli jkunu jistgħu jiftehmu sewwa qabel ma jitlaq lejn Malta. Jgħidlu wkoll li kien jaf x'raġunijiet ippreżentaw iż-żewġ Kapitli l-oħrajn, u li kien se jfiehmu kollox pass pass wara li jkun studja sewwa l-kwistjoni; hija tassew ħasra li dawn id-dettalji ma kitibhomx![12]

Għaddew tliet xhur u matulhom Inguanez għadda xi ġranet Malta, mar lura Montecassino fit-22 ta' Settembru u tlett ijiem wara kiteb lill-ħabib tiegħu u qallu li fil-ġranet li ġejjin kellu jikteb lil Bevilacqua u jkellem lil xi nies oħra li setgħu jgħinuhom;[13] minn dan nifhmu li f'Ruma d-diskussjonijiet dwar il-preċedenza kienu għadhom għaddejjin. L-istess ittra fiha żieda miktuba jumejn wara fejn għal darb'oħra assigurah li kien se jagħmel minn kollox għall-ġid tal-bażilika. F'ittra oħra miktuba fit-28 ta' Settembru Inguanez informa lil Lubrano li l-għada kellu jikteb lil Bevilacqua u mal-ittra kellu jibgħatlu kuruna tar-Rużarju; infurmah ukoll li kien bil-ħsieb li jkellem nies oħrajn li setgħu jgħinu meta jkun Ruma ftit ġranet wara mal-Abbati Amerikan ta' Belmont.[14]

Probabbilment minn dan iż-żmien ukoll ġejja ittra oħra li fiha Inguanez jagħti struzzjonijiet lil Lubrano biex jibgħat lill-avukat Certo ittra ta' Mons. Virili li fiha kien spjega kif taħdem il-preċedenza, li milli nistgħu nifhmu bagħat annessa. Fiha jgħidlu



*Il-parodija tal-Bażilika tal-11 ta' Marzu 1926.*



Carino Alfredo,

ho parlato con alcuni amici miei per l'affare delle Basilica. Birchircara e la Chiesa di S. Paolo non possono far nulla più. Avrebbero potuto aver la precedenza se ricorrendo adesso il titolo di Basilica, cioè dopo di noi, avessero potuto provare che le loro chiese avevano già prima di noi, per antica tradizione il titolo di Basilica. Non credo che esse godevano di tale titolo.

Qui si considera la questione decisa

***L-ittra li probabbilment intbagħtet fl-1925 fejn tissemma l-possibiltà li Birkirkara u San Pawl isiru Bażiliċi.***

biex ma jgħid lil ħadd li kien hu li għaddielu l-ittra u biex jgħid li kienet ilha għandu mill-1922 jekk xi ħadd jistaqsih.[15] Dan, naturalment, minħabba li l-Isqof Caruana kien għamilha ċara li ma jridx indħil.

L-ittra li jmiss ġejja minn kważi xahrejn wara; ma fiha xejn strettament marbut mal-kwisjoni tal-Bażilika, imma fiha Inguanez isemmi li l-Isqof Caruana kellu jmur Montecassino u għal xi raġuni ħassar il-vjaġġ fl-aħħar. Milli jidher, ladarba nafu li Caruana kien qiegħed isostni li Inguanez ħadem minn wara dahru, kien għadu qiegħed ifittex l-okkażjoni li jiċċara kollox.[16]

Miġbura ma' dawn l-ittra hemm nota kurjuża li ma fihiex firma, u magħha hemm tpinġija li twaqqa' għaċ-ċajt il-bażilika Sengleana.

Minn dak li hemm miktub nifhmu li kienet xi ittra anonima li tħalliet fejn seta' jsibha xi membru tal-kapitlu – probabbilment Lubrano ladarba tinsab mal-ittri li hu rċieva mingħand Inguanez – u jidher li nkitbet minn xi ħadd minn Bormla. Forsi wieħed jistaqsi kif daħlet Bormla fl-istampa issa? Il-ġlieda ma kienetx fuq il-preċedenza bejn il-Kapitli Senglean u Bormliż – fuq dik ma kien hemm l-ebda kwistjoni – imma jidher li r-rivalità li kinet bdiet tqum bejn l-1905 (meta l-kwadru tal-Immakulata kien inkurunat) u l-1921 (meta l-Bambina ġiet inkurunata) issa laħqet il-quċċata. Mid-dokumentazzjoni li għandna jidher li l-Kapitlu ta' Bormla kien l-uniku wieħed li ma ħax sehem mal-kapitli l-oħra fil-purċissjoni li saret nhar it-8 ta' Settembru 1921,[17] u nemmen li kien minn dan iż-żmien li r-rivalità bejn iż-żewġ parroċċi ħarġet aktar fil-beraħ, b'mod li kull ħaġa li tmur ħażin għal waħda kienet tintlaqa' b'ferħ mill-oħra.

In-nota fiha dan il-kliem:

*X'ser narau u nisimghow ghada, 12 ta' Marzu*
*1926 fl Isla – ahna 'l Bormlisi*
*= Lment ta Capitlu =*
*Oh ma chienx mument ghalina*
*Ma chienitx Basilca dina.*

*Culhatt beda jiscartana*
*Hadd izjed m'ghamila maghna.*

*Privilegg bhal dan ixxeijer*
*Din nictbuha mal isteijer*

*Tal Furiana ghedduulna*
*S. Girgor fis wahhalulna*

*Ah! L'Basilica sfat mar rih*
*Hej nehduha ghal eruieh.*

*Ad multos annos.*[18]

Ma' din kien hemm tpinġija bil-pinna li turi s-swar tal-belt Senglea bil-gardjola fuq ix-xellug u l-Bażilika fuq il-lemin; bejniethom jidhru seba' kanonċi mħassba jħarsu lejn l-umbrellun bażilikali li qiegħed itir mar-riħ. Tlieta minnhom għandhom l-ismijiet miktubin fuq rashom: Marengo, Osea u Lubrano, li huwa dak li jidher fuq quddiem nett qiegħed ixejjer il-berettin lejn l-umbrellun. Donnu kien magħruf sewwa li hu kien wieħed mill-ewlenin li ħadmu biex jingħata t-titlu.

Fi ftit kliem nistgħu ngħidu li din in-nota qed twassal il-messaġġ li s-Sengleani kienu kienu kburin li ħadu t-titlu ta' bażilika, imma li dan wassal biex tilfu kollox, għax kulħadd beda jevithom, speċjalment wara li huma, mis-sena 1922, iddeċidew li ma jibqgħux jieħdu sehem fil-purċissjoni ta' San Girgor u f'purċissjonijiet





djoċesani oħra jekk ma jingħatawx il-preċedenza fuq il-kapitli ta' Birkirkara u ta' San Pawl tal-Belt. X'ġara jew x'ingħad fit-12 ta' Marzu 1926 ġewwa Bormla mhux magħruf; jista' jkun li min kiteb l-ittra ħaseb li kien se joħroġ ir-riżultat tal-kawża fejn il-bażilika Sengleana kienet se tiċċaħħad mill-privileġġ tal-preċedenza; iżda dan ma kienx il-każ ladarba l-kwistjoni kien għadha għaddejja Ruma.

Id-darba li jmiss li tissemma l-affari tal-bażilika hija fl-ittra tas-7 ta' Novembru 1926, fejn jidher ċar li d-diskussjonijiet kienu għadhom sejrin u Inguanez jistqarr li kien qed jittama li kollox imur tajjeb.[19] F'ittra ta' xahar wara jgħid lil sieħbu li l-Isqof Caruana kien Montecassino imma ma qallu xejn dwar il-kwistjoni.[20] Tliet xhur wara nafu li mar ifittex lill-avukat Certo, li kien qiegħed jaħdem fuq il-kawża favur il-Bażilika, imma ma sabux, għalkemm ġie assigurat li kien qiegħed jaħdem ħafna.[21]

Il-ftit ittri li ntbagħtu fis-snin ta' wara ma jsemmu xejn fuq il-kwistjoni, imbagħad terġa' tissemma f'ittra tas-7 ta' Ġunju 1936 li fiha Inguanez jgħid lil Lubrano li f'dawk il-granet kellu jmur Ruma u kien se jitkixxef fuq dak li kien jinteressah.[22] Mill-istudju ta' P. Bonnici nafu li f'dak iż-żmien Lubrano kien imdaħħal f'kummissjoni żgħira ta' kanonċi Sengleani li kienu qed jistinkaw biex il-privileġġ tal-preċedenza jkun ippubblikat b'mod ċar mill-Isqof, li għal raġunijiet li jafhom hu biss baqa' qatt ma stqarr fil-pubbliku x'kien qiegħed jirċievi minn Ruma.[23] Terġa' tissemma xi korrispondenza li kien qiegħed ifittex dwarha Lubrano mal-Kongregazzjoni tar-Riti f'ittra aktar tard dik is-sena, imma Inguanez iwieġbu li fil-Kongregazzjoni din ma nstabitx.[24]

**Għeluq.**

Hemm numru ta' ittri oħrajn li ma fihomx data imma li ftit li xejn jagħtuna dettalji biex inkunu nistgħu npoġġuhom f'posthom. F'ħafna minnhom Inguanez jgħid lil Lubrano li jittama li l-kwistjoni tissolva u li jkunu kuntenti bir-riżultat. Iżda bħalma għedna, il-kwistjoni baqgħet qatt ma ssolviet; Bonnici jgħidilna li l-Isqof Caruana qatt ma ppubblika dak li rċieva f'dan ir-rigward u għaldaqstant il-pożizzjoni tad-djoċesi baqgħet mhix ċara. Ftit snin wara l-aħħar ittra li rajna bdiet il-gwerra, u bħalma nistgħu nobsru kien hemm affarijiet ħafna aktar serji fuqiex wieħed ikisser rasu milli fuq min jirbaħ il-preċedenza fiċ-ċelebrazzjonijiet djoċesani.

Nota rikorrenti fi kważi l-ittri kollha hija dik li biha Inguanez kien jispiċċa: "raccomandami spesso alla nostra cara Bambina"... kienet x'kienet il-qagħda tal-Belt u tal-Kapitlu, l-aħħar ħsieb tiegħu kien dejjem idur lejha, xhieda tal-imħabba kbira li kellu lejha bħala Senglean ta' veru.

**Biblijografija**


1 Ittra 8 ta' Ġunju 1924.
2 Żewġ ittri bla data, probabbilment mis-sajf tal-1924.
3 Ittra 30 ta' Diċembru 1924.
4 Ittra 9 ta' Jannar 1925.
5 Ittra ta' Mons. Marengo lil Lubrano, 20 ta' Lulju 1925: "indagate, persuadete somministrate all'incaricato moneta per trovare difensore etc."
6 Ittra bla data, imma probabbilment ġejja mis-sajf tal-1925.
7 Ittra bla data, imma probabbilment ġeja mis-sajf tal-1925.
8 Minn irċevuta ddatata 15 ta' Settembru 1925 għall-ħlas tal-posta u ta' ittra, nifhmu li l-avukat kien saċerdot, Mons. Gian Pietro Certo.
9 Ittra 15 ta' Awwissu 1925.
10 Ittra 20 ta' Awwissu 1925.
11 Dan jidher ċar għax fl-ittra ta' qabel Inguanez jgħid lil Lubrano biex jibqa' ftit aktar granet Ruma ħalli jinżlu Malta flimkien, u f'din jerġa' jfakkru biex itawwal kemm jista' biex ikunu jistgħu jaħdmu bil-kwiet qabel jinżlu Malta.
12 Ittra, probabbilment 22 ta' Awwissu 1925.
13 Ittra 25 ta' Settembru 1925, b'żieda qasira nhar is-27 ta' Settembru.
14 Ittra 28 ta' Settembru 1925.
15 Ittra bla data, probabbli ġejja mis-sajf tal-1925.
16 Ittra 13 ta' Novembru 1925.
17 Alexander Bonnici, L-Isla fi ġrajjiet il-Bażilika-Santwarju ta' Marija Bambina, vol. 3 (Malta: Parroċċa tal-Isla,1991), 251.
18 Nota u tpinġija, 11 ta' Marzu 1926.
19 Ittra 7 ta' Novembru 1926.
20 Ittra 13 ta' Diċembru 1926.
21 Ittra 20 ta' Marzu 1927.
22 Ittra 7 ta' Ġunju 1936.
23 Bonnici, 271-275.
24 Ittra 26 ta' Ġunju 1936.